MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 820/2011

**Antonia Xerri *sive* Tanya Xerri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-24 ta’ Awissu 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru ħamsa zero sitta disgħa (5069) tas-sena elf disa’ mija u wieħed u sittin (1961) anness u mmarkat Dok A l-isem tagħha, fil-kolonna “isem il-wild”, isem ir-rikorrenti jidher bħala “Antonia”.

Illi minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bl-isem ta’ “Tanya” u konsistentement kienet imsejħa u

magħrufa bih u dan kif ser jirriżulta mill-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-familjari u ħbieb tal-istess rikorrenti kollha jafuha bl-isem ta' "Tanya" u dan kif jidher anki mill-annessi affidavits mmarkati Dok C, D u E;

Illi *nonostante* dak li ngħad fil-premessa proċedenti, l-att tat-twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Antonia";

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti għandha interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir id-debita korrezzjoni.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement magħrufa huwa "Tanya" u mhux "Antonia";

2. Tordna sabiex jiġi korrett ċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok A minnu maħruġ, bin-numru ħamsa zero sitta disgħa (5069) tas-sena elf disa' mija u wieħed u sittin (1961), fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem il-wild" l-isem "Antonia" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Tanya";

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv tal-istess rikorrenti u ċjoe' l-att taż-żwieġ bin-numru tar-reġistrazzjoni erbgħa u sebgħin (74) tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982).

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess Anthony Mercieca li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid de quo u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni

ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.  Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attrici hija ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala Tanya u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni.  Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attriċi**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------